# STUDJU U OSSERVAZZJONI TA' L-AGĦSAFAR

## Fir-Riserva ta' l-Għadira

*Charles Gauci*

Wieħed mill-għanijiet li għalih ġiet maħluqa r-riserva naturali ta' l-Għadira hu li sservi ta' post fejn il-pubbliku, partikolarment iż-żgħar, ikun jista' jitgħallem josserva u jistudja n-natura mingħajr ma jfixkilha u mingħajr ma jagħmel ħsara. Il-ħlejjaq li l-iżjed jiġbdu nies biex josservawhom ġewwa r-riserva huma bla dubju ta' xejn l-agħsafar. Biex wieħed ikun jista' josservahom aħjar, inbniet kamra apposta li minn ġo fiha wieħed jista' josserva l-agħsafar iżjed mill-qrib u bil-kumdità. Fil-fatt ġo din il-kamra, minbarra li hemm bank fejn wieħed joqgħod bil-qiegħda, hemm ukoll fejn wieħed isserraħ dirgħajh u jpoġġi l-karti biex ikun jista' jieħu xi noti.



*Joe Sultana*

Bħall-ħlejjaq l-oħra kollha l-agħsafar jiffurmaw parti minn ċiklu fejn il-kreaturi kollha jiddependu minn xulxin biex igħixu. L-agħsafar jieklu ħlejjaq oħra filwaqt li xi wħud minnhom jittieklu huma stess minn annimali oħra. Ġewwa r-riserva ta' l-Għadira ma nsibux biss għadira kbira iżda nsibu numru ta' gżejjer ta' daqs u sura differenti. Dawn il-gżejjer iservu żewġ għanijiet. Meta l-agħsafar ikunu qegħdin jistrieħu fuq gżira mdawra bl-ilma, iħossuhom iktar 'il bogħod mill-periklu ta' ċerti annimali oħra, bħal per eżempju l-ballottra u l-qattus, li jiddejqu jaqsmu wesgħat ta' ilma. L-istess nistgħu ngħidu għal meta għasfur jibni l-bejta. Il-gżejjer huma importanti wkoll għax jipprovdu medda ġmielha ta' xatt b'tajn mikxuf fejn l-agħsafar tal-plajja jistgħu jfittxu l-ikel tagħhom.

L-iżjed agħsafar li naraw ġo l-Għadira huma dawk ta' l-ilma u tal-plajja. Fost dawn insibu l-blonġos, l-agretti u l-irsieset, il-borok, il-glalez, il-*waders* (monakell, griewel, pispisell, tertux, bkakaċ, eċċ.), u oħrajn bħall-Għasfur ta' San Martin, il-psiepes u z-zakak. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-agħsafar huma adattati biex jaqbdu l-ikel tagħhom mill-ilma jew mit-tajn. Il-blonġos għandu saqajh fuq in-naħa ta' wara nett ta' ġismu u dawn jgħinuh jogħdos b'faċilità kbira. B'hekk ikun jista' jaqbad ħut żgħir li jifforma parti kbira mill-ikel tiegħu. Waqt li wieħed ikun qed josserva mill-kamra jista' jistudja kemm-il darba jogħdos il-blonġos f'ċertu ħin u kemm idum taħt l-ilma.

*Monakella*



L-irsieset għandhom għonq, munqar, u saqajn twal li jgħinuhom jaqbdu ħut pjuttost kbir minn postijiet fejn ikun aktar fond. L-agretti għandhom l-istess karatteristiċi bħal ta' l-irsieset, iżda peress li jaqbdu ħut ta' daqs iżgħar, huma iżjed attivi u jgħaddu anqas ħin jitgħażżnu! Il-borok jieklu sew żrieragħ u ħxejjex kif ukoll invertebrati li jsibu fit-tajn u fl-alka taħt l-ilma. Matul il-jum ta' sikwit narawhom reqdin. Dan għax ħafna mill-borok iżjed iħobbu jirgħu matul il-lejl. Bil-paċenzja wieħed spiss jirnexxielu jara xi gallozz. Il-glalez iqattgħu l-biċċa l-kbira tal-ħin moħbija qalb il-ħaxix li jmiss ma' l-ilma. Hemm l-iżjed li hemm ċans li wieħed jara xi gallozz ifittex għall-ikel, għalkemm ma' l-iċken ħoss jisparixxi. Forsi l-aktar faċli u interessanti li wieħed josserva huma l-*waders* li minnhom, fi żmien il-passa, jżuru l-Għadira 'l fuq minn ħamsa u għoxrin speċi. L-ispeċi ta' dawn l-agħsafar huma ta' daqsijiet differenti iżda kważi kollha għandhom saqajn u munqar relattivament twal. B'hekk ikunu jistgħu jfittxu għall-invertebrati fit-tajn, sew dak mikxuf kif ukoll dak taħt l-ilma. Peress li d-diversi speċi għandhom tul ta' saqajn u munqar differenti, dawn ikunu jistgħu jfittxu għall-istess tip ta' ikel mingħajr ma jikkompetu ma' xulxin: dawk ta' saqajhom qosra joqogħdu max-xatt filwaqt li l-oħrajn ifittxu fl-ilma baxx. Dwar dan kien deher artiklu f'ħarġa oħra tan-**Natura*** (dak iż-żmien **L-Għasfur u l-Ambjent Naturali**.)

Kif wieħed jista' jara hemm ħafna x'wieħed jitgħallem meta josserva dawn il-ħlejjaq. U dan mingħajr ma ssir ebda ħsara. Kull ma rridu hija tromba, ftit karti, lapes, kif ukoll ftit tal-paċenzja. ●



Raymond Galea

**L-Agħsafar tal-Plajja* minn Charles Gauci (**L-Għasfur u l-Ambjent Naturali** numru 4, 1984.